MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 114/2007/1

**Joseph u Orietta konjuġi Gatt**
**v.**
**Reverendu Dun Ġużepp Cauchi bħala Segretarju Amministrativ tal-Kurja Veskovili ta’ Għawdex u in rappreżentanza tal-istess Kurja**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fil-5 ta’ Ottubru 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, li ċaħdet talba tal-atturi biex tgħid illi għandhom jedd għal tiġdid ta’ enfitewsi u ordnat illi jitkompla s-smigħ tal-kawża.

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: l-attur u l-Kurja Veskovili ta' Għawdex ftiehmu illi l-fond li dwaru saret il-kawża jingħata b'enfitewsi lill-attur. Biex dan seta' jsir kien meħtieġ il-kunsens tal-Isqof ta' Għawdex u dan il-kunsens ingħata b'dikriet tas-26 ta' Ġunju 1990 illi b'saħħa tiegħu l-Isqof ta' Għawdex:
"jawtorizza lis-Sur Joseph Vella fil-kwalità tiegħu ta' segretarju amministrativ tal-Kurja ta' Għawdex sabiex … jidher fuq att ta' konvenju li bih jintrabat li d-dar 21, Għar Qawqla, Marsalforn, Għawdex … tiġi issa mogħtija b'ċens temporanju revedibbli kull 17-il sena lil Joe Gatt …
"Dan iċ-ċens temporanju li għall-ewwel 17-il sena jkun ta' Lm8 annwu huwa soġġett għas-soliti kondizzjonijiet fosthom li Joe Gatt *nomine* [*sic*] ma jkunx jista' jissulloka din id-dar lil terzi u li din id-dar għandha tintuża biss għas-servizz tas-sajd mill-istess Joe Gatt u minn uliedu."[1]
3. B'kuntratt tas-16 ta' Novembru 1990 fl-atti tan-Nutar Ino Mario Grech[2] il-fond ingħata lill-attur b'enfitewsi għal sbatax-il sena b'seħħ minn dakinhar stess. Fost il-pattijiet tal-kuntratt hemm dak li jgħid hekk:
"(vi) fl-aħħarnett il-partijiet jobbligaw ruħhom li mal-iskadenza tal-perijodu fuq imsemmi huma għandhom jagħmlu ħilithom biex iġeddu din l-enfitewsi temporanja għal perijodu ieħor ta' sbatax-il (17) sena u dan taħt kondizzjonijiet li għandhom jiġu negozjati f'dak iż-żmien."
4. Meta waslet biex tagħlaq l-enfitewsi, l-atturi, b'ittra ġudizzjarja tal-31 t'Awissu 2007[3], sejħu lill-konvenut biex jersaq biex jiftiehem "fuq kondizzjonijiet fuq konċessjoni enfitewtika temporanja għal sbatax-il sena revedibbli minn sbatax-il sena għal sbatax-il sena". Il-konvenut wieġeb b'ittra ġudizzjarja tal-10 ta' Settembru 2007[4] li biha ċaħad it-talba tal-atturi u sejħilhom biex jiżgombraw mill-fond hekk kif tintemm l-enfitewsi.
5. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u talbu, *inter alia*, illi l-qorti:
"1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-atturi huma l-utilisti tad-dominju temporanju għal perjodu ta' sbatax-il sena

[1] *Fol*. 12 tal-proċess tal-ewwel qorti.

[2] *Foll.* 69 *et seqq.* tal-proċess tal-ewwel qorti.

[3] *Foll.* 9 *et seq.* tal-proċess tal-ewwel qorti.

[4] *Fol.* 11 tal-proċess tal-ewwel qorti.

dekorribbli mis-16 ta’ Novembru 1990 u li jiskadi fil-15 ta’ Novembru 2007 tal-fond 21, *Dar il-Maina*, Pjazza San Pawl ġà Triq ix-Xagħra, Marsalforn, Għawdex u dan skond kuntratt tas-16 ta’ Novembru 1990 fl-atti tan-Nutar Ino Mario Grech;

“2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-atturi *ai termini* tal-kuntratt tas-16 ta’ Novembru 1990 fl-atti tan-Nutar Ino Mario Grech partikolarment klawzola (VI) tal-istess kuntratt u *ai termini* tad-digriet tal-Kuija Veskovili ta' Għawdex tas-27 ta' Gunju 1990 għandhom dritt iġeddu l-enfitewsi temporanja tal-fond 21, *Dar il-Maina*, Pjazza San Pawl ġà Triq ix-Xagħra, Marsalforn, Għawdex għal perjodu prorogabbli minn sbatax-il sena għal sbatax-il sena dekorribbli mis-16 ta’ Novembru 2007 u dan versu ċ-ċens annu u temporanju ta’ Lm26.21 u/jew somma ohra verjuri kif stabbilita minn din il-qorti u dan taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha kif stipulati fil-kuntratt tas-16 ta’ Novembru 1990 fl-atti tan-Nutar Dottor Ino Mario Grech.”

6. Il-konvenut ma opponiex għall-ewwel talba iżda oppona għat-tieni talba għax “il-klawsola (vi) tal-kuntratt oriġinali b’ebda mod ma tista’ tiftehem illi huwa obbligat u tenut illi neċessarjament jikkonċedi l-istess fond in enfitewsi mill-ġdid lill-atturi; u … għaliex … ġaladarba l-partijiet naqsu illi jiftiehmu fuq kondizzjonijiet aċċettabbli għalihom it-tnejn li taħthom kellha tiġġedded il-konċessjoni enfitewtika, kien jonqos l-*idem placidem consensus* [*recte, in idem placitum consensus*] neċessarju sabiex jinħoloq il-vinkolu kuntrattwali”.

7. Il-partijiet talbu sentenza dwar iż-żewġ talbiet tal-atturi miġjuba fuq u l-ewwel qorti, bis-sentenza li minnha sar dan l-appell, laqgħet l-ewwel talba u ċaħdet it-tieni waħda wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

“Dwar l-ewwel talba m’hemmx dubbju li meta ġiet intavolata din il-kawża l-konċessjoni enfitewtika msemmija fir-rikors ġuramentat kienet għadha fis-seħħ. Skond il-kuntratt imsemmi tas-16 ta’ Novembru 1990, din kienet ser tiskadi fil-15 ta’ Novembru 2007, u l-kawża ġiet ippreżentata fit-12 ta’ Ottubru 2007 meta allura kien baqa’ madwar xahar u nofs biex tiskadi. Naturalment illum il-ġurnata laħqu għaddew ħames snin minn meta saret din il-kawża, u għalhekk fil-preżent l-atturi ma jistgħux jiġu kkunsidrati iżjed bħala l-utilisti tal-fond in kwistjoni,

sakemm ma tintlaqax it-tieni talba u din il-konċessjoni tiġi mġedda.

"L-atturi qegħidn jibbażaw it-tieni talba tagħhom fuq dak li ġie stipulat fis-sitt artikolu tal-kuntratt tas-16 ta' Novembru 1990 …

"Jagħtu ħafna importanza wkoll lid-dikjarazzjoni tal-allura Kanċillier tal-Kurja ta' Għawdex dwar l-awtorizzazzjoni tal-Isqof tad-Djoċesi lis-Segretarju Amministrattiv ta' dak iż-żmien biex "jidher fuq att ta' konvenju li biħ jintrabat li d-dar 21, Għar Qawqla, Marsalforn, Għawdex, li qabel kienet mogħtija b'kera ta' Lm5 fis-sena lill-mejjet Joseph Gatt, tiġi mogħtija b'ċens temporanju revedibbli kull 17-il sena lil Joe Gatt".

"L-atturi jikkontendu illi l-klawsola hawn indikata fil-kuntratt ta' ċens relattiv, abbinata ma' dak li hemm imniżżel fid-dikjarazzjoni tal-Kanċellier tal-Kurja tas-27 ta' Ġunju 1990, tintitolahom jinsistu għat-tiġdid ta' dan iċ-ċens għal perijodi oħra ta' sbatax-il (17) sena kull darba.

"Huwa minnu li d-dikjarazzjoni tal-Kanċellier tidher illi hija fis-sens pretiż mill-atturi. Però għal xi raġuni jew oħra li baqgħet ma ġietx spjegata, dan il-ħsieb ma ġiex eventwalment rifless fil-kuntratt ta' ċens relattiv. Lanqas ma hu magħruf jekk klawsola simili kinitx ġiet inserita fil-konvenju (jekk qatt sar) dwar l-istess konċessjoni enfitewtika, li għalih kienet proprjament intenzjonata din id-dikjarazzjoni.

"Fil-fehma tal-atturi l-artikolu VI tal-kuntratt relattiv hawn iċċitat għandu jiġi interpretat fid-dawl ta' dak li kien ġie dikjarat mill-Kanċellier fid-dikjarazzjoni, għax din kienet tirrifletti l-vera intenzjoni tal-partijiet. …

"Imma jista' tassew jingħad illi fil-każ in eżami l-partijiet ma fissrux ruħhom sew fl-artikolu in kwistjoni? Dan l-artikolu jgħid b'mod mill-aktar ċar u inekwivoku li l-kontraenti kellhom jagħmlu ħilithom sabiex fl-iskadenza ta' din il-konċessjoni enfitewtika jġedduha taħt kundizzjonijiet li jiġu miftiehma bejn il-partijiet. M'hemm l-ebda lok għal xi interpretazzjoni ta' dan il-kliem differenti minn dak li ġie mniżżel fil-kuntratt relattiv. Infatti jirriżulta mill-provi prodotti s'issa li l-partijiet dan għamluh, sew b'laqghat li kien hemm ftit qabel ma skadiet din il-konċessjoni, kif ukoll permezz ta' korrispondenza li ġiet skambjata bejniethom. Kien biss wara li ma ntlaħaqx ftehim, u l-Kurja

wriet li kienet disposta biss li tikri l-istess post lill-atturi għal perijodu limitat ta’ tliet snin, li l-atturi bdew jinsistu li tiġġedded il-konċessjoni enfitewtika u bl-istess rata ta’ ċens.

“Ġaladarba dak li kien hemm imniżżel fid-dikjarazzjoni tal-Kanċellier ma ġiex riprodott fil-kuntratt ta’ ċens relattiv, u allura ma kien hemm ebda obbligazzjoni legali da parti tal-Kurja li tosserva xi ftehim li seta’ kien hemm meta ħarġet l-istess dikjarazzjoni, għax huwa biss il-kuntratt li jorbot lill-partijiet li dehru fuqu, din il-qorti ma tista’ tordna ebda tiġdid tal-konċessjoni enfitewtika in kwistjoni, u wisq anqas li dan isir bl-istess rata ta’ ċens stipulata fil-kuntratt tal-1990, kif qed jippretendu l-atturi. Kif tajjeb josserva l-konvenut *nomine* fin-nota ta’ sottomissjonijet tiegħu, din id-dikjarazzjoni kienet intenzjonata biex tagħti ċerti poteri lis-Segretarju Amministattiv ta’ dak iż-żmien li jersaq għall-kuntratt ta’ ċens taħt ċerti kondizzjonjiet. Bil-fatt li l-kuntratt *de quo* eventwalment sar taħt kondizzjonijiet iżjed restrittivi, is-segretarju ma eċċediex il-poteri tiegħu, anzi rnexxielu jikkuntratta kondizzjonijet iżjed favorevoli għall-mandanti tiegħu.

“Għal dawn il-motivi tiddeċiedi f’dan l-istadju billi, filwaqt illi tilqa’ l-ewwel talba, u tiddikjara li meta ġiet intavolta din il-kawża l-atturi kienu l-utilisti tal-fond indikat fir-rikors ġuramentat tagħhom, tiċħad it-tieni talba, u tħalli l-kawza għall-kontinwazzjoni.”

8. B’rikors tat-2 ta’ Novembru 2012 l-atturi appellaw minn din is-sentenza fejn ċaħdet it-tieni talba tagħhom u l-konvenut wieġeb fit-3 ta’ Diċembru 2012.

9. L-aggravji tal-atturi huma tnejn:

“… il-Qorti tal-Maġistrati, Għawdex, Sede Superjuri, … tat interpretazzjoni ħażina tal-klawżola VI tal-kuntratt tas-16 ta’ Novembru 1990 fl-atti tan-Nutar Ino Mario Grech, liema klawżola, bil-kontra ta’ dak illi rriteniet l-ewwel onorabbli qorti, m’hijiex ċara u inekwivoka u ma kellhiex tiġi interpretata *ad litteram*, imma kellhom jiġu kkunsidrati kull dokument u xiehda prodotti in atti u *cioè*, id-Digriet tal-Monsinjur Isqof Nikol Cauchi tas-27 ta’ Ġunju 1990 Dokument D fil-proċess, li jistipula illi l-konvenut *nomine* kien obbligat sabiex iġedded il-konċessjoni enfitewtika in kwistjoni.

"Illi il-klawżola VI m'hijiex biss il-klawżola operattiva li turi l-intenzjoni tal-partijiet, imma l-istess intenzjoni tal-partijiet tiġi estrapolata mid-dokumenti u mix-xiehda annessi mal-istess kuntratt.

"Illi ma jistax ikun illi d-Digriet tal-Monsinjur Isqof Nikol Cauchi tas-27 ta' Ġunju 1990 Dokument D fil-proċess ma jingħata ebda piż u qisu huwa ineżistenti għax dak l-istess Digriet jirrifletti l-intenzjoni tal-partijiet bil-mod li huma riedu jintrabtu bihom u mhux jiġi totalment skartat mill-qorti u l-klawżola VI tal-kuntratt tal-konċessjoni enfitewtika temporanja tiġi konsidrata in vakwu qisu ma hemm xejn iktar x'jiddetermina l-intenzjoni tal-istess partijiet.

"Illi f'dan id-dawl tad-Digriet anness mal-kuntratt ta' enfitewsi u tal-provi kollha prodotti in atti fosthom x-xiehda *viva voce* kemm ta' l-Isqof Emeritus Nichol Cauchi kif ukoll tal-appellat *nomine* stess, il-Qorti tal-Maġistrati Għawdex messha tat il-piż dovut lill-interità tal-kuntratt u mhux qagħdet biss fuq klawżola VI vaga u ambigwa mingħajr ma kkunsidrat illi d-Digriet anness huwa ukoll parti essenzjali mill-kuntratt li jagħti u jixħet dawl fuq l-intendiment li bih il-partijiet ikkontrattaw.

"Il-fatt illi d-diċitura tal-klawżola VI ma tirriflettix eżattament il-parametri tal-ftehim raġġunt bejn il-kontendenti u għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni d-dokumenti kollha li huma parti mill-kuntratt sostnuti mix-xiehda *viva voce* tal-Monsinjur Isqof Nikol Cauchi u tal-appellant.

"Illi l-kredibilità tal-kompjant Monsinjur Isqof Cauchi hija indiskussa u il-Qorti tal-Maġistrati missha tat piż għal dak li xehed Monsinjur Isqof u mhux skartat totalment ix-xiehda tiegħu u d-Digriet tiegħu li bih il-persuna awtorizzata biex tiffirma l-kuntratt ta' enfitewsi temporanja kienet obbligata biex tittrasferixxi l-proprjetà fil-parametri ta' dak l-istess Digriet, xejn inqas u xejn iktar.

"Illi għalhekk il-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel qorti fejn irriteniet illi l-klawżola hija ċara u m'hemmx lok għat-tiġdid tal-konċessjoni enfitewtika mhux biss tikkontrasta x-xhieda u dokumenti prodotti in atti fejn joħroġ b'mod ċar u inekwivoku illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet dejjem illi l-konċessjoni enfitewtika temporanja in kwistjoni tiġi mġedda imma hija fuq kollox inkonsistenti ma' dak li dejjem irritenew qrati superjuri fil-ġurisprudenza nostrana …

"Illi apparti minn hekk l-esponenti jħossuhom aggravati wkoll permezz tas-sentenza *in parte* tal-5 ta' Ottubru 2012 minħabba l-fatt illi minkejja illi l-appellat *nomine* dejjem irrifjuta b'mod abbusiv u illegali illi mhux biss iġedded l-enfitewsi in kwistjoni, imma anki sabiex biss jiddiskuti tali tiġdida, il-qorti xorta waħda rriteniet illi l-partijiet kienu għamlu ħilithom sabiex isibu ftehim għal tiġdida, liema kunsiderazzjoni effetivament turi illi l-onorabbli qorti fil-prim'istanza naqset milli tagħmel apprezzament opportun tal-provi prodotti. Effetivament il-Kurja Veskovili ta' Għawdex offriet biss kera ta' tliet snin skond Dokument E fil-proċess, ossija ittra tas-16 ta' April 2007, u l-ebda konċessjoni enfitewtika temporanja oħra. Hija kienet obbligata sabiex tiftiehem fuq konċessjoni enfitewtika temporanja revedibbli u mhux fuq kirja u għalhekk in-nuqqas tagħha biex tagħmel dan bil-fors kienet tobbliga lill-appellanti biex jirrikorru għall-qorti biex tiffissa hiil-kondizzjonijiet tal-konċessjoni temporanja enftitewtika revedibbli ta' 17-il sena ġdida ġaladarba l-Kurja Veskovili ta' Għawdex naqset milli tagħmel dan mal-istess appellanti."

10. L-attur kompla fisser l-ewwel aggravju billi qal illi l-ewwel qorti kien imissha mxiet kif igħid u jrid l-art. 1003 tal-Kodiċi Ċivili:

"**1003.** Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet."

11. Kompla jgħid illi din "l-intenzjoni tal-partijiet" toħroġ mid-dikriet ta' awtorizzazzjoni maħruġ minn Monsinjur Nikol Cauchi meta kien Isqof ta' Għawdex u mix-xiehda kemm tal-istess Monsinjur Cauchi kif ukoll tas-segratarju amministrativ, barra milli mix-xiehda tal-atturi stess.

12. Din il-qorti, bħall-ewwel qorti, ma taqbilx mal-attur meta dan igħid illi l-patt (vi) tal-kuntratt ma huwiex ċar, u għalhekk lanqas ma taqbel illi jeħtieġ li jiġi iċċarat b'referenza għall-pattijiet oħra tal-ftehim jew b'xiehda estranja għall-kuntratt innifsu.

13. Il-pattijiet l-oħra tal-ftehim b'ebda mod ma juru xi intenzjoni illi l-enfitewsi tiġġedded "minn sbatax-il sena għal sbatax-il sena", kif iridu l-atturi; anzi, il-kuntratt igħid ċar illi l-enfitewsi hija "għal perijodu ta' sbatax-il sena". Ma

hemm ebda patt ieħor ħlief il-patt (vi) dwar x'għandu jiġri wara li jgħaddu s-sbatax-il sena u għalhekk il-"pattijiet meħudin kollha flimkien" ma jistgħu jitfgħu ebda dawl ieħor fuq dan il-punt. Ma hemm xejn f'dawk il-pattijiet li juri illi l-kliem tal-patt (vi) ma jaqbilx ma' dak li kellhom f'moħħhom il-partijiet[5].

14. Lanqas ma jiswa għal dan il-għan id-dikriet ta' awtorizzazzjoni maħruġ mill-Isqof ta' Għawdex. Dak il-dikriet huwa biss awtorizzazzjoni lis-segretarju amministrativ biex jidher fuq il-kuntratt ta' enfitewsi f'isem il-Kurja Veskovili u ma huwiex fih innifsu dokument kuntrattwali. *Se mai*, jekk id-dikriet jorbot lis-segratarju amministrativ, jorbtu favur minn qabbdu u mhux favur l-atturi. Id-dikriet kien iffirmat mill-partijiet mhux għax huwa ftehim ta' bejniethom u joħloq drittijiet u obbligazzjonijiet bejniethom, iżda għax il-liġi trid illi kull dokument mehmuż ma' att notarili jkun iffirmat mill-partijiet fuq dak il-kuntratt[6].

15. Is-segretarju amministrativ kellu s-setgħa – mhux l-obbligu, jew, għall-inqas, mhux l-obbligu favur l-atturi – li jorbot lill-Kuria b'kuntratt ta' enfitewsi li jiġġedded minn sbatax-il sena għal sbatax-il sena, iżda, kif jidher mill-kliem tal-kuntratt, din is-setgħa ma nqediex biha, u rabat lill-Kurja b'kondizzjonijiet aktar vantaġġjużi għaliha minn dawk li kellu s-setgħa, kieku kien meħtieġ, li jorbotha bihom.

16. L-attur jinsisti ħafna fuq ix-xiehda ta' Monsinjur Cauchi, li jgħid illi kien "propens illi nerġgħu nġeddu dak iċ-ċens bl-istess żmien"[7]. Jinsisti wkoll fuq ix-xiehda tas-segretarju amministrativ tal-Kurja. Għandu jingħad, iżda, illi din ma hijiex azzjoni ta' simulazzjoni u għalhekk *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur*. Ladarba l-ftehim sar bil-miktub, u ma hemmx simulazzjoni, qerq jew ambigwità f'dak li nkiteb, il-partijiet ma jistgħux jagħmlu

[5] Ara *e.g.* Tabib Vittore Stillon *v.* Walter Zammit Tabona (App. 14 ta' Novembru 1949).

[6] Art. 28(1)(*k*) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, Kap. 55 tal-Liġijiet.

[7] Xiehda ta' Monsinjur Nikol Cauchi fis-seduta tas-6 ta' Frar 2009, *foll.* 59 *et seqq*. tal-proċess tal-ewwel qorti.

prova b’xiehda barra mill-kitba ta’ dak li ma jirriżultax mill-kitba[8].

17. Fil-fehma ta’ din il-qorti għalhekk il-ftehim li joħroġ mill-patt (vi) tal-ftehim huwa ċar: il-partijiet huma marbuta mhux li jġeddu l-enfitewsi minn sbatax-il sena għal sbatax-il sena iżda illi “jagħmlu ħilithom” biex jaslu għal ftehim biex iġeddu l-enfitewsi.

18. Jekk il-konvenut “għamilx ħiltu” biex jasal għal ftehim huwa l-meritu tat-tieni aggravju. Il-konvenut ċertament kellu dak l-obbligu li l-attur igħid illi ma wettqux għalkemm l-ewwel qorti ma qablitx u qalet illi dan l-obbligu l-attur wettqu.

19. Fil-fehma ta’ din il-qorti dan l-aggravju ma huwiex relevanti għall-għanijiet tal-appell tallum. Fit-tieni talba tagħhom l-atturi jridu illi l-qorti tgħid illi “għandhom dritt iġeddu l-enfitewsi temporanja”. Iżda ukoll jekk tassew il-konvenut naqas mill-obbligu li “jagħmel ħiltu”, ir-rimedju ma jistax ikun dak mitlub mill-atturi: ladarba l-konvenut ma huwiex marbut li jġedded l-enfitewsi ma jistax jingħad illi l-atturi għandhom jedd għal dak it-tiġdid. Jekk il-konvenut tassew naqas milli “jagħmel ħiltu”, ir-rimedju jista’ jkun biss il-ħlas ta’ danni u mhux it-twettiq ta’ obbligazzjoni li ma ntrabatx biha.

20. Għalhekk, ukoll jekk – dejjem mingħajr preġudizzju għall-meritu – dak li qegħdin igħidu l-atturi f’dan l-aggravju huwa minnu, xorta ma jistax iwassal biex tintlaqa’ t-tieni talba, u jkun għalxejn illi din il-qorti tkompli tqis il-meritu tal-aggravju.

21. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti biex jitkompla s-smigħ. L-ispejjeż tal-appell iħallsuhom l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

[8] Ara *e.g.* Rev. Kan Emmanuele Muscat *v.* Lucy Portelli (Kum. 5 ta’ Mejju 1955).

---------------------------------TMIEM---------------------------------